MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Numru. 276/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD C SPITERI**

**KONTRA**

**DYLAN VELLA ta' 25 sena, iben James u Marion nee' Refalo, imwieled Tal-Pieta' nhar it-03 ta' Marzu, 1986, residenti fil-fond numru 33, Patri Manwel Magri, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0203286M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Dylan Vella** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-8 ta' Marzu, 2008, ghall-habta tal-5.20am, gewwa Paceville, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mussab Al-Kalbash u dan bi ksur tal-Artikoli 216, 217, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-interrogatorju l-imputat wiegeb illi hu ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll illi l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghal tali proceduri.

Rat il-provi kollha prodotti, senjalament is-segwenti. L-Ispettur Bernard Spiteri xehed illi l-parte leza ftit jiem wara l-incident in ezamina kien mar l-Ghassa ta' San Giljan u hemm kien qallu li kien jaf min kien l-agressur tieghu. Semmielu lil certu Dylan li kien jahdem ma' DJ Joy u li kien mill-Hamrun. Kienu terzi persuni li taw din l-informazzjoni lill-vittma. Qal ukoll lill-Ispettur li kellu hsieb li jekk jara lill-istess agressur tieghu, hu kien jaghrfu ghaliex meta tah id-daqqa, l-agressur tieghu qabdu minn idejh, u ngibed lura. Ma' dan il-vittma kien hemm uklll terza persuna, skond l-Ispettur certu Joseph Muscat li qal lix-xhud li kien jaf min kien l-agressur. Iddeskrivieh bhala persuna rqieqa, twila tul normali, u kellu xagharu spiky.

Ezebixxa stqarrija, li pero ma ttehditx bid-dritt ta' l-assistenza legali.

Zied l-Ispettur illi l-vittma gharaf lill-imputat l-Ghassa bhala l-persuna li kien tah id-daqqa, anke qal illi kienu tnejn.

Ezebixxa wkoll l-Ispettur Dok BS5 (a folio 15) li huwa certifikat mediku mahrug fil-konfront tal-vittma li juri li dan sofra griehi ta' natura gravi.

PS 1207 Robert Said Sarreo xehed illi kien mar fuq stabbing hdejn Burger King, Paceville. Hemm kien sab lil Mussab Al-Kalbash fi Triq Elia Zammit li kellu d-demm hiereg minn go rasu. Kien spjegalu li waqt li kien sejjer id-dar, inqalghet glieda hdejn il-Burger King minn xi nies li ma kienx jafhom. Hemm spicca qala' daqqa ta' flixkun go rasu ghalxejn minghand nies li ma kienx jaf.

Mussab Al-Kalbash xehed illi dakinhar ta' l-incident kien hareg ma' xi hbieb tieghu u flimkien marru Paceville. Spjega li kien go hanut taht il-Havana. Jghid illi hemm kienu qeghdin jixorbu u jiehdu pjacir. Xehed illi nqalghet glieda li maghha ma kellux x'jaqsam, ghalhekk hareg mill-hanut. Wasal hdejn il-Burger King, hemm gharaf li kien l-imputat li kien flimkien ma' missieru li tah daqqa ta' flixkun tal-birra Heineken. Spjega li l-ewwel tah daqqa ta' flixkun fuq in-naha ta' wara ta' rasu fuq widnejh ix-xellugija, umbaghad dahhallu l-flixkun imkisser go rasu. Qal illi hu staqsa lill-agressur – l-imputat minnu maghruf, ghaliex. Xehed illi dan ghamel sinjal li qisu ha zball u qisu gie f'sensieh.

Xehed illi hu kien mija fil-mija cert illi l-agressur tieghu kien l-imputat. Qal illi hu dam l-Isptar tlitt ijiem. Qal illi hu kif dahal l-Ghassa gharaf mill-ewwel lill-imputat. Qal illi hu kien gie moghti nformzzzjoni minn terzi li l-agressur tieghu kien certu Dylan u li din l-informazzjoni hu kien ghaddieha lill-Ispettur Spiteri. Ezebixxa wkoll hames ritratti tal-griehi minnu sofferti (Dok MK1 – MK5, folio 24).

Xehed ukoll certu Joseph Muscat illi qal li kien Paceville fit-8 ta' Marzu, 2008, bejn it-3 jew l-4 ta' fil-ghodu, inqalghet glieda go stabbiliment jismu Klikk. Mieghu kien hemm il-parte peza. Xehed illi kif hargu barra raw klikka ta' nies sejrin ghal fuqhom, u li wiehed telaq jigri wara Mussab. Beza' u telaq jigri. Meta rritorna sab lil Mussab mimli kollu demm mixhut ma' l-art. Qal illi r-ragel li resaq lejn Mussab qabel ma hu harab, kien jixbah hafna lill-imputat.

Minn naha tieghu x-xhud Melvin Farrugia xehed ukoll illi kien mall-vittma gewwa stabbiliment f'Paceville. Qal illi fil-

pront bdew ikeccu n-nies barra minn dan l-istabbiliment. Zied illi Mussab kien miexi quddiemu, gie wiehed minn warajh li tah daqqa ta' flixkun go rasu. Anke rah idahhallu dan il-flixkun go ras siehbu. Qal illi Mussab spicca ma' l-art kollu demm. Haduh l-Isptar bl-ambulanza. Xehed illi hu ra lill-imputat gej jigri lejn Mussab u jaggredieh. Qal ukoll illi la hu u lanqas Mussab ma ppartecipaw fil-glieda li saret gewwa l-istabbiliment Klikk.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, xehed ukoll minn jeddu l-imputat. Dan ikkonferma l-istqarrija minnu rilaxxata (anzi tnejn). Qal illi hu lil Mussab Al-Kalbash qatt ma kien rah f'hajtu. L-ewwel darba li rah kien fl-Ghassa tal-Pulizija. Qal ukoll illi hu qatt ma kellu xi jghid ma' xi persuna li setghet tixbah lil Mussab, u li f'hajtu zgur li qatt ma kien ta daqqa ta' siggu lil hadd. Zied illi fit-8 ta' Marzu, 2008 jew kien id-dar il-Hamrun, jew kien fil-Kazin tan-Nazzjonalisti tal-Pieta'. Qal illi dak il-lejl l-ewwel kien il-Kazin, umbaghad mar id-dar. Cahad illi dakinhar fil-hamsa ta' fil-ghodu kien gewwa Paceville.

Bhala spjegazzjoni ghala Mussab kien qal dan fuqu, xehed illi x'aktarx xi hadd kien qabbdu biex jghid hekk ghax kien jghir ghalih. Qal illi hu ma kienx jaf lix-xhud Joseph Muscat.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti hija vera rinfaccata b'xhud wiehed okulari li qal li gharaf lill-imputat, xhud iehor ma kienx tant cert, u l-imputat ircieva nformazzjoni minghand terz injot. Pero dan, in kontradizzjoni ghal dak li qal l-imputat, thalli l-Qorti b'certa dubju li allura ghandu jmur a favur l-imputat, ghaldaqstant qed tilliberah mill-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------